31996L0086

24.12.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 335/43

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 96/86/KE

tat-13 ta' Diċembru 1996

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq

(Test b'rilevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Billi l-Annessi A u B tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża bit-triq, normalment magħruf bħala l-ADR, kif emendat, għandhom ikunu mehmuża mad-Direttiva 94/55/KE bħala l-Annessi A u B u ma jkunux applikabbli biss għat-trasport li jgħaddi mill-fruntieri, iżda wkoll għat-trasport fl-Istati Membri individwali;

Billi l-Annessi tad-Direttiva 94/55/KE għandhom l-FPT applikabbli mill-1 ta' Jannar 1995, li minn dak in-nhar ġie ppubblikat fl-ilsna kollha [2];

Billi l-ADR jiġu riveduti kull sentejn u għalhekk verżjoni emendata tkun fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 1997;

Billi bi qbil ma' l-Arikolu 8, kull modifika meħtieġa għall-addattazzjoni għall-progress tekniku u xjentifiku fis-settur kopert mid-Direttiva u bl-iskop li jarmonizzawha għar-regoli li ġew adottati b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 9;

Billi l-addattazzjoni tas-settur għar-regoli l-ġodda ta' l-ADR hija meħtieġa u għalhekk biex temenda l-Annessi tad-Direttiva 94/55/KE;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE;

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 94/55/KE hija modifikata kif ġej:

1. L-Anness A:

"L-Anness A jinkludi d-disposizzjonijiet tal-Marġinali 2 000 sa 3 999 ta' l-Anness A għall-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża bit-triq (ADR), b'effett mill-1 ta' Jannar 1997, 'Stat Membru' huwa mibdul bi 'Parti Kontraenti'.

NB: Il-verżjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità tat-test emendanti ta' l-1997 lit-test ikkonsolidat ta' l-1995 ta' l-Anness A għall-ADR għandhom ikunu ppubblikati hekk kif it-test ikun disponibbli fil-lingwi kollha."

2. L-Annes B:

"L-Anness B jinkludi d-disposizzjonijiet tal-Marġinali 10 000 sa 270 000 ta' l-Anness B għall-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża bit-triq (ADR), kif effettiv mill-1 ta' Jannar 1997, 'Stat Membru' huwa mibdul bi 'Parti Kontraenti'.

NB: Il-verżjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità tat-test emendanti ta' l-1997 tat-test ikkonsolidat ta' l-1995 ta' l-Anness A għall-ADR għandhom ikunu ppubblikati hekk kif it-test ikun disponibbli fil-lingwi kollha."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1997. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 319, 12.12.1994, p. 7.
[2] ĠU L 275, 28.10.1996, p. 1.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Diċembru 1996.

Għall-Kummissjoni
Neil KINNOCK
Membru tal-Kummissjoni